MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 1107/2006

**Madis Hotels Limited (C 18648)**

**vs**

**Michael Zammit Marmara u Joseph Lucchese**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat li din hija procedura mahsuba a tenur tal-Art. 836 tal-Kap. 12 fejn il-Qorti qed tintalab tirrevoka mandat ta` sekwestru mahrug mis-socjeta` Madis Hotels Limited fil-konfront ta` Michael Zammit Marmara sabiex l-istess

socjeta` tikkawtela kreditu li tvanta kontra l-istess Zammit Marmara fost ohrajn.

L-Art. 836(1) jipprovdi ghal diversi cirkostanzi fejn tista` tintalab ir-revoka ta` att kawtelatorju. Ir-rikorrent odjern ma indika ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi. Lanqas ma gab ebda prova, la dokumentarja u lanqas xort'ohra li tista` forsi twassal il-Qorti biex tiddeduci dak li qed jippretendi r-rikorrent.

Il-kontenut tar-rikors promotur, ghalkemm konfermat bil-gurament mill-istess rikorrent, isemmi hwejjeg li huma kollha relatati mal-mertu tal-kwistjoni ta` bejniethom. Is-socjeta` intimata odjerna ghandha dritt tikkawtela l-kreditu taghha u, fuq responsabbilita` taghha stess, qed taghmlu fil-parametri li taghtiha l-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent.

L-ispejjez ta` din il-procedura jithallsu mill-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------